

- 3) Il-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi tas-6 ta' Settembru 2016, *Aleksei Petruhin vs Latvijas Republikas Ġenerālprokuratūra* (C-182/15, EU:C:2016:630), tal-10 ta' April 2018, *Romano Piscioti vs Bundesrepublik Deutschland* (C-191/16, EU:C:2018:222) u tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija vs I.N.* (C-897/19 PPU, EU:C:2020:262), fid-dawl tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali previst fl-Artikoli 62 sa 65 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u t-Titolu VII tat-Tielet Parti tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, hija applikabbli għal talba għal estradizzjoni minn pajjiż terz dwar ċittadin Brittaniku li kien ċittadin tal-Unjoni Ewropea fil-mument tal-fatti li jimmutivaw it-talba għal estradizzjoni u li rrisjeda mingħajr interruzzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor qabel u waqt li l-Ftehim dwar il-Ħruġ kien fis-seħħ?

<sup>(1)</sup> ĠU 2020, L 29, p. 7.

<sup>(2)</sup> EU:C:2016:630.

<sup>(3)</sup> EU:C:2018:222.

<sup>(4)</sup> EU:C:2020:262.

---

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2022 minn Luis Miguel Novais mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fl-4 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-66/22, Novais vs Il-Portugall**

**(Kawża C-295/22 P)**

(2023/C 24/25)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

*Appellant*: Luis Miguel Novais (rappreżentanti: Á. Oliveira u C. Almeida Lopes, advogados)

*Parti oħra fil-proċedura*: Ir-Repubblika Portugiża

Permezz ta' digriet tal-24 ta' Novembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla), ħadhet l-appell bħala manifestament infondat.

---

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2022 minn Union nationale des indépendants solidaires (UNIS) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-8 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-431/21, UNIS vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-324/22 P)**

(2023/C 24/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant*: Union nationale des indépendants solidaires (UNIS) (rappreżentant: F. Ortega, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura*: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2022, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) ħadhet l-appell bħala manifestament infondat u kkundannat lir-rikorrenti tbat i-ispejjeż tagħha.

---